Like 12k Follow @ChurchInMalta 578 followers

ENGLISH MALTESE

IL-KNISJA F'MALTA





Search

# Ir-Riżenja tal-Arċisqof ta' Malta u n-nomina ta' Amministratur Appostoliku

STEPHEN DEGUARA / SATURDAY 18 OCTOBER 2014

AĦBARIJIET 1





Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Frangisku aċċetta r-riżenja tal-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona O.P. bħala Arċisqof ta' Malta. L-Arċisqof Cremona rriżenja minħabba raġunijiet ta' saħħa. Ir-riżenja tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Ottubru 2014 f'nofsinhar ħin ta' Malta. Mons. Cremona ngħata t-titlu ta' Arċisqof Emeritu ta' Malta. F'ittra ndirizzata lil Mons. Cremona, il-Qdusija Tiegħu l-Papa rringrazzja lill-Arċisqof Emeritu għall-ministeru episkopali tiegħu li kien magħruf u apprezzat għall-imħabba pastorali u l-kuntatt uman mill-qrib mal-Poplu ta' Alla.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku nnomina lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Titulari ta' San Leone, bħala Amministratur Appostoliku *sede vacante* bis-setgħa li jmexxi l-Arċidjocesi ta' Malta sakemm l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta jieħu l-pussess kanoniku tal-Arċidjoċesi. Fil-perjodu li fih is-Sede Arċiveskovili ta' Malta tkun vakanti, il-ministeru pastorali ordinarju huwa assikurat taħt it-tmexxija tal-Amministratur Appostoliku, iżda kull inizjattiva innovativa titħalla għad-deċiżjoni tal-Arċisqof il-ġdid.

Is-Santa Sede tat struzzjonijiet lill-E.T. n-Nunzju Apostoliku, Mons. Aldo Cavalli, biex jibda l-proċess kanoniku ta' konsultazzjoni u dixxerniment li jgħin lill-Qdusija Tiegħu l-Papa fl-għażla tiegħu tas-suċċessur tal-Arċisqof Cremona.

Il-Membri kollha tal-Kleru, ir-Reliġjużi, u l-Fidili Insara kollha huma mħeġġa jitolbu għall-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona, għall-Isqof Charles Scicluna, l-Amministratur Appostoliku,  u għall-proċess kanoniku li ser iwassal biex jintgħażel l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta.

**L-Ittra Apostolika min-Nunzjatura f'Malta**